Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd



Werrej: Paġna


- Lista tal-Kunsillieri u L-Amministrazzjoni 2
- Agenda 3
- Rapport ta' Ħidma 2010 4-6
- Rapport Operattiv 2010 u Estimi Finanzjarji 2011 7-9

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

*Sindku*
Is-Sur Joseph Farrugia

*V/Sindku*
Is-Sur Joseph Baldacchino

*Kunsillieri*
Is-Sinjura Bernardette Pace
Is-Sinjura Sarah Cuschieri
Is-Sur Jesmond Borg
Is-Sur Anthony Roberts
Is-Sur Rocco Zahra

*Segretarju Eżekuttiv*
Is-Sinjura Maria Galea

*Skrivani*
Is-Sinjura Stephanie Aloisio
Is-Sinjura Simone Fenech

*Skrivani Casual Part-Time*
Is-Sinjura Eleonor Manicaro
Is-Sinjorina Kimberly Fenech

Kunsill Lokali Birżebbuġa
Paci u Sahha lil Kulhadd

Avviż tal-Laqgħa Pubblika :

Is-Sindku u l-Kunsillieri jistiednu lill-pubbliku ta' Birżebbuġa li jidhru fir-Reġistru tal-Kunsilli Lokali sabiex jattendu Laqgħa Pubblika skond kif stipulat fl-Att XV ta' 1993 għal Kunsilli Lokali. Il-Laqgħa ser issir nhar it-Tlieta, 4 ta' Jannar 2011 fis-Sala tal-Komunita' fis-6.00 ta' filgħaxija.

Aġenda:

1. Indirizz mis-Sindku
2. Qari ta' Rapport ta' Ħidma 2010
3. Prezentazzjoni tar-Rapport Operattiv u Estimi Finanzjarji
4. Diskussjoni / Suġġerimenti / Ilmenti

# Kunsill Lokali Birzebbuga
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## Rapport ta' hidma tal-Kunsill Lokali Birzebbuga Sena 2010

Dan ir-rapport, li jithejja ta' kull sena, iservi sabiex jaghti stampa cara lir-residenti dwar il-hidma tal-Kunsill Lokali. Bhal dejjem din is-sena kienet sena ta' hidma bla waqfien. Minn progett ghal iehor, minn haga ghal ohra.

Din is-sena, bhas-snin precedenti, il-Kunsill ha hsieb it-toroq taghna, bena mill-gdid u kesa bil-*hot asphalt* Triq l-Ghodda u Triq ix-Xoghol. Inbeda wkoll il-process sabiex jinbnew mill-gdid u jinksew bil-*hot asphalt* Dawret il-Qalb Imqaddsa, il-Bajja s-Sabiha u Misrah is-Summit. Dawn it-toroq ser isiru taht l-iskema Public Private Partnership li l-Kunsill Lokali applika ghaliha u gie accettat. F'din l-iskema l-Kunsill Lokali ser ihallas l-ispiza kollha tal-bankini filwaqt li l-Gvern ser johrog parti zghira mill-flus tal-*asphalt* u l-Kunsill ihallas il-bqija tal-ispiza tal-*asphalt* maqsuma fi 8 snin. Ukoll matul is-sena kontinwament sar *patching* kull fejn ikun hemm bzonn u manutenzjoni ta' bankini u kaptelli.

Apparti t-toroq, saret ukoll bankina gdida fi Triq Birzebbuga minn hdejn il-Knisja sa hdejn il-latrini pubblici f'San Gorg. Din il-bankina flimkien mat-tisbih tar-*roundabout* ta' San Gorg, gew iffinanzjati mill-iskema tal-*Urban Improvement Fund* fi hdan il-MEPA. Pero' jiddispjacina nirrimarkaw li x-xoghol ta' *asphalt* f'din it-triq, li ghandu jsir min-naha ta' entita' tal-Gvern, ghadu ma bediex ghalkemm saret pressjoni kontinwa min-naha tal-Kunsill. Taht din l-iskema tal-UIF il-Kunsill applika wkoll sabiex jinbidel ic-*chainlink fencing* tal-*ground* tal-*football* ghal wiehed ahjar kif ukoll jitnehha c-*chainlink fencing* tal-*iskateboard park* u jinbidlu r-rampi. Dawn iz-zewg progetti gew accettati pero' irridu nistennew l-approvazzjoni min-naha tal-MEPA sabiex ikun jista' jinbeda x-xoghol. Progett iehor applikat taht din l-iskema hu sabiex tigi mibdula l-bankina ta' Triq it-Tankijiet pero' dan il-progett ghadu qed jigi evalwat. Hawn ta' min isemmi wkoll li l-MEPA ricentement approvat l-*outline development* ghal-*Football Ground* gdid in-naha tal-Muzew tas-subien.

Ghal sena ohra l-Kunsill Lokali ma' tilef l-ebda cans sabiex japplika ghall-fondi addizzjonali mill-incentivi li johrog il-Gvern Centrali matul is-sena. B'kollox applikajna ghal ghaxar skemi: Accessibilita' ahjar fil-Lokalitajiet; Progetti ta' Energija Alternattiva; Ghajnuna ghat-Thawwil ta' Sigar; Fondi ghal-Lokalitajiet bi bzonnijiet Specjali; Finanzjament ghal Lokalitajiet Sostenibbli; Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet Storici zghar; Servizz ta' WIFI; Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf; Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011 u Inizjattiva Ambjentali Vodafone.

Sal-lum il-Kunsill ghadu qed jistenna risposta fuq erba' skemi :

- Accessibilita' ahjar fil-Lokalitajiet - Bandli ghal-tfal b'dizabilita'
- Progetti ta' Energija Alternattiva - *Solar Panels* ghall-ufficini tal-Kunsill
- Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf - Inizjattivi ta' tindif u edukazzjoni
- Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011 - Attivita' "Those were the Days…"

gew rifjutati tlett skemi:

- Finanzjament ghal Lokalitajiet Sostenibbli - Progett ta' rigenerazzjoni tal-kosta
- Finanzjament ghal Restawr ta' Postijiet Storici zghar - Restawr tal-kampnar u l-portiko tal-Kappella fi Triq iz-Zurrieq
- Inizjattiva Ambjentali Vodafone - Tisbih tar-*Roundabout* f'San Gorg

pero' l-Kunsill ha fondi taht tlett skemi -

- Ghajnuna ghat-Thawwil ta' Sigar - Tletin sigra
- Fondi ghal-Lokalitajiet bi bzonnijiet Specjali - €15000 fejn il-Kunsill uzahom ghal aktar tindif fil-lokalita'
- Servizz ta' WIFI - fejn il-Kunsill qieghed joffri s-servizz ta' WIFI b'xejn ghal kulhadd fl-*area* tal-*gazebos* fil-Bajja s-Sabiha u fil-bini tal-Kunsill.

Fir-rapport tas-sena l-ohra semmejna li l-Kunsill, bl-ghajnuna tal-MEUSAC, applika ghall-finanzjament taht programmi tal-EU ghall-progett sabiex nirrangaw u nsebbhu l-passaggi tal-kampanja taghna. Dan il-progett jibda min-naha tal-Brolli u jibqa' sejjer qalb l-ghelieqi sabiex jizbokka ġo Triq Tal-Gebel. Bi pjacir inhabbru li l-progett ipprezentat gie maghzul u ghaldaqstant din is-sena ser jibda l-ewwel fazi tieghu, dak ta' irrangar ta' hitan tas-sejjieh. Ukoll semmejna li l-Kunsill kien qed jahdem fuq progett sabiex isir ftehim ta' hbiberija ma' lokalita' Taljana. Illum kulhadd jaf li dan il-progett gie maghzul u ffinanzjat mill-EU. Nisperaw li minn din il-hbiberija nibbenefikaw fil-futur qarib minn fondi tal-Unjoni Ewropea ghal progetti bi shab ma' Porto San Giorgio.

Issa saret qisa drawwa li f'kull rapport insemmu l-applikazzjoni li l-Kunsill ghandu pendenti l-MEPA fir-rigward ta' tisbih u kontinwazzjoni tal-*promenade*, parkegg kbir u venda tat-trasport pubbliku f'Wied il-Buni. Din id-darba il-progett wehel fuq is-sezzjoni tal-venda tal-linja minhabba r-riforma li ghaddejja bhalissa. Pero' l-Kunsill iddecieda li jwaqqa' din is-sezzjoni tal-progett sabiex l-applikazzjoni tkun tista' tibqa' tigi evalwata mill-MEPA.

Sabiex nibqghu fuq it-tema ta' progetti, il-Kunsill ipprova wkoll jiehu b'devoluzzjoni l-art ta' biswit l-iskola, fejn illum hemm il-bandli, sabiex jikkonvertiha f'centru civiku fejn intom ir-residenti tkunu tistghu tinqdew ghal bzonnijiet kollha minn post wiehed. Idea li ilha f'mohh il-Kunsill diversi snin, pero' din l-art ma' gietx devoluta lill-Kunsill. Ukoll bhalissa l-Kunsill qieghed jahdem fuq progett iehor, li ghadu fl-ewwel stadju tieghu, sabiex Triq Zarenu Dalli flimkien mar-*roundabout* ta' hdejn il-Knisja jigu msebbha. Progett li ser ikun jinkludi *asphalt,* bankini godda, lampi ornamentali, hwat bil-pjanti, *landscaping* kif ukoll monument li jissimbolizza l-*motto* tal-lokal "Paci u Sahha lil Kulhadd".

Pero' xoghol il-Kunsill m'huwiex progetti biss, imma wkoll xoghol li jaqa' taht il-funzjoni diretta tieghu bil-ligi. Ghalkemm dan ix-xoghol ma tantx ikun jidher u jaghmel hoss, il-Kunsill matul is-sena kontinwament ghaddej bi gbir ta' skart, kemm goff, riciklat u organiku, manutenzjoni ta' *playing-fields* u gonna skond il-bzonn, thawwil u zbir ta' sigar u pjanti, bdil ta' sinjali tat-traffiku, zebgha tat-toroq, zebgha tar-*railing* tal-prominad u bankijiet minn Wied il-Buni sal-Bajja ta' San Gorg, zebgha ta' cnut u bankijiet gewwa d-diversi gonna tal-lokal kif ukoll zebgha ta' arbli madwar Birzebbuga kollha, knis u qtugh ta' haxix fit-toroq tal-lokal, zamma ta' ndafa f'postijiet pubblici u bdil ta' lampi maqtugha kemm dawk tal-*istreet lighting* kif ukoll tal-arbli ornamentali.

Ukoll l-ufficcju amministrattiv jilqa' ta' kuljum l-ilmenti u s-suggerimenti taghkom ir-residenti u jghaddihom lill-Kunsillieri inkarigati sabiex tittiehed l-azzjoni necessarja. Ninfurmawkom li wara

talba formali mir-residenti inholoq Kumitat ghal-area tal-Qajjenza sabiex dawn jiddiskutu mal-Kunsill x'jixtiequ li jaraw f'din l-area. L-iktar ilmenti komuni li jidhlu l-Ufficcju tal-Kunsill huma fir-rigward tal-hmieg, l-aktar tal-hmieg tal-klieb. Ghal dan il-ghan il-Kunsill introduca l-Green Wardens sabiex issir sorveljanza aktar stretta fuq l-ambjent, pero' sal-lum din il-problema ghadna niltaqghu maghha ta' kuljum. Inheggu r-residenti sabiex jikkolaboraw mal-Kunsill u min ghandu l-klieb ma' jhalliehx ihammeg barra u jekk taraw lil xi hadd ihalli l-kelb ihammeg barra irrappurtawh direttament lil Kunsill.

Il-Kunsillieri kontinwament jattendu ghal-laqghat u *seminars* skond il-kariga taghhom. Ukoll ikollhom laqghat mal-Ghaqdiet tal-Lokal skond il-bzonn. Bqajna noffru wkoll is-Sala tal-Komunita b'xejn ghal Ghaqdiet Lokali. Din is-sena l-Kunsill attenda wkoll ghal *seminar* tal-ECAD, assocjazzjoni kontra d-droga, fejn il-Kunsill dahal membru sabiex nippruvaw innaqqsu din il-problema li ftit, ftit qed teqred hafna nies. Ukoll ta' min isemmi li l-Kunsill ghadu ghaddej bil-laqghat flimkien mal-Port Hieles, il-Birzebbuga Environment Action Group u l-MEPA sabiex jiddiskuti l-*Environmental Permit* u l-*Environmental Policy*. Filwaqt li ghall-permess tat-tkabbir ta' Terminal 1 il-Kunsill Lokali flimkien mal-Birzebbuga Environment Action Group fil-15 ta' Lulju 2010 ghamel appell ufficjali ghal dan il-permess bl-ghajnuna tal-Perit Carmel Cacopardo f'isem il-Kunsill u l-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-Birzebbuga Environment Action Group. Dan l-appell ser jinstema' fi Frar li gej. Nisperaw li niehdu l-frott.

Problema ohra li qed jiffaccja kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll intom ir-residenti, hi l-problema tal-ilma bahar li qieghed dejjem joghla u johrog fi Triq San Gorg. Fenomenu li hadd ma ghandu kontroll fuqu. Il-Kunsill is-sena l-ohra beda studju ta' livelli. Ktibna wkoll lil Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali sabiex nippruvaw insibu soluzzjoni li s-solvi kemm il-problema ghall-karozzi kif ukoll il-problema ghar-residenti tal-inhawi u l-ilma tax-xita, soluzzjoni li zgur sabiex titwettaq il-Kunsill ghandu bzonn l-ghajnuna tal-Gvern Centrali minhabba l-ispejjez kbar li tkun tinvolvi. M'hijiex soluzzjoni facli daqs kemm wiehed jahseb ghaliex ghalkemm kellna hafna proposti u suggerimenti ghad ma sibniex soluzzjoni li ssolvi l-problemi kollha.

Sabiex nispiccaw fuq nota pozittiva ser nispicca billi nsemmi l-attivitajiet li l-Kunsill organizza din is-sena. Ghal sena ohra bdejna niccelebraw il-festi nazzjonali pero', fuq decizjoni unanima tal-Kunsill, dawn twaqqfu minhabba li kienu qed isiru wisq ripetittivi. Saru wkoll Jum l-Anzjan, Jum l-Omm, Jum il-Missier u Jum Birzebbuga li issa saru tradizzjoni u wiehed ikun qed jistennihom. Ghall-ewwel darba din is-sena organizzajna attivita' bl-isem "Ingeddu Tfulitna" li, fost affarijiet ohra kienet tinkludi, loghob tradizzjonali, kant u zfin. Attivita' li kienet success. Giet organizzata wkoll attivita' mat-tfal tal-iskola flimkien mal-GreenPak. Attivita' sabiex inkomplu nedukaw lit-tfal taghna fuq ir-riciklagg. Fis-Sajf gew organizzati korsijiet diversi kemm ghal kbar u kemm ghat-tfal. Ergajna offrejna s-servizz tat-tilqima kontra l-influwenza, bqajna nibaghtu l-*Birthday Cards* kull xahar lill-anzjani u bqajna nipprovdu servizz ta' trasport lill-anzjani lejn id-*Day Centre*. Dan l-ahhar organizzajna wkoll *Bookfair* b'risq il-*Community Chest Fund*.

Kif qeghdin taraw kienet sena ohra mimlija hsieb u xoghol, ghaliex kull haga, zghira kemm hi zghira, tiehu l-hin taghha biex issir. Pero' ghalkemm m'ahniex perfetti u baqa' hafna xi jsir, s-sodisfazzjon taghna hu meta naraw il-lokal taghna dejjem miexi 'l quddiem sabiex finalment tgawdu intom ir-residenti.

Grazzi.

# Kunsill Lokali Birżebbuġa
# Paci u Sahha lil Kulhadd

## Detailed Estimates of Income

| DESCRIPTION | ACTUAL 2010(9mts) (Euro) | BUDGET 2010 (Euro) | BUDGET 2011 (Euro) |
|---|---|---|---|

**Income**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Government | | | |
| Annual | 460,605.00 | 614,516.00 | 613,163.00 |
| Supplementary | 7,500.00 | | 83,790.00 |
| Special needs | | | |
| Public/government entities | | | |
| Other | | | |
| | **468,105.00** | **614,516.00** | **696,953.00** |
| Bye-Laws | | | |
| Community Services | 23,551.00 | 2,500.00 | 10,000.00 |
| Contravention of bye-laws | 67,636.00 | 48,000.00 | 60,000.00 |
| Contributions and donations | 2,130.00 | | |
| Donations Receivable | | | |
| General | 2,342.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| | **95,659.00** | **51,500.00** | **73,000.00** |
| Investment | | | |
| Bank interest | | 350.00 | |
| Government securities | | | |
| | **0.00** | **350.00** | **0.00** |
| **TOTAL** | **563,764.00** | **666,366.00** | **769,953.00** |

## Detailed Estimates of Expenditure

| DESCRIPTION | ACTUAL 2010(9mts) (Euro) | BUDGET 2010 (Euro) | BUDGET 2011 (Euro) |
|---|---|---|---|
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | | | |
| Mayor's allowance | 4,685.00 | 6,246.00 | 13,386.00 |
| Employee salaries and wages | 48,059.00 | 54,008.00 | 60,000.00 |
| Bonuses | | | 5,859.00 |
| Income supplements | | | |
| Social Security contributions | 6,437.00 | 4,904.00 | 5,046.00 |
| Allowances | 4,200.00 | | 8,800.00 |
| Overtime | | | |
| | **63,381.00** | **65,158.00** | **93,091.00** |
| Operations and maintenance | | | |
| Utilities | 8,151.00 | 11,000.00 | 11,000.00 |
| Materials and supplies | 19,127.00 | 30,000.00 | 26,000.00 |
| Repair and upkeep | 72,178.00 | 90,000.00 | 96,000.00 |
| Rent | 3,086.00 | 4,050.00 | 4,050.00 |
| International memberships | 2,174.00 | 2,000.00 | 3,000.00 |
| Office services | 12,606.00 | 15,000.00 | 17,000.00 |
| Transport | 15,613.00 | 19,000.00 | 21,000.00 |
| Travel | 925.00 | 650.00 | 500.00 |
| Information services | 2,579.00 | 3,500.00 | 3,500.00 |
| Contractual services | 213,036.00 | 245,000.00 | 285,000.00 |
| Professional services | 5,277.00 | 6,000.00 | 7,000.00 |
| Training | | | |
| Community and hospitality | 10,814.00 | 12,000.00 | 14,500.00 |
| Incidental expenses | | 500.00 | |
| | **365,566.00** | **438,700.00** | **488,550.00** |
| Capital Expenditure | | 20,000.00 | 10,000.00 |
| Acquisition of property | | | |
| Construction | | | |
| Improvements | 3,438.00 | 20,000.00 | 5,000.00 |
| Equipment | 2,430.00 | 10,000.00 | 3,500.00 |
| Special programmes | 102711.00 | 90000.00 | 429700.00 |
| | **108,579.00** | **140,000.00** | **448,200.00** |
| **TOTAL** | **537,526.00** | **643,858.00** | **1,029,841.00** |

Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| DESCRIPTION | ACTUAL 2010(9mts) (Euro) | BUDGET 2010 (Euro) | BUDGET 2011 (Euro) |
|---|---|---|---|
| **Income** | | | |
| Government | 468,105.00 | 614,516.00 | 696,953.00 |
| Bye-laws | 95,659.00 | 51,500.00 | 73,000.00 |
| Investment | | 350.00 | |
| TOTAL | **563,764.00** | **666,366.00** | **769,953.00** |
| **Expenditure** | | | |
| Personal emoluments | 63,381.00 | 65,158.00 | 93,091.00 |
| Operations and maintenance | 365,566.00 | 438,700.00 | 488,550.00 |
| Capital Expenditure | 108,579.00 | 140,000.00 | 448,200.00 |
| TOTAL | **537,526.00** | **643,858.00** | **1,029,841.00** |
| **Balance** | **26,238.00** | **22,508.00** | **(259,888.00)** |